Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15334/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0335(NLE)

MAR 192
OMI 80
ENV 1356
CLIMA 612

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fil-85 sessjoni tiegħu u fit-tkomplija tat-tieni sessjoni straordinarja tiegħu, kif ukoll fit-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Intersessjonali tiegħu dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Vapuri (ISWG-GHG) rigward l-adozzjoni prevista tal-emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fil-85 sessjoni tiegħu u fit-tkomplija tat-tieni sessjoni straordinarja tiegħu, kif ukoll fit-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Intersessjonali tiegħu dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Vapuri (ISWG-GHG) rigward l-adozzjoni prevista tal-emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) u 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Jenħtieġ li l-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tat-trasport marittimu jkollha l-mira li ttejjeb is-sikurezza marittima, u li tipproteġi l-ambjent tal-baħar u s-saħħa tal-bniedem.

(2) Il-85 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 85) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) mistennija ssir mit-30 ta' Novembru sat-3 ta' Diċembru 2026, ippreċeduta mit-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Intersessjonali dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Vapuri (ISWG-GHG 23).

(3) L-MEPC/ES.2, li saret bejn l-14 u s-17 ta' Ottubru 2025, kienet mistennija tadotta l-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti fil-forma ta' emendi għall-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL). Madankollu, l-adozzjoni ta' dawk l-emendi ġiet posposta. L-MEPC 85 huwa mistenni li jikkunsidra it-tkomplija tal-MEPC/ES.2) fl-4 ta' Diċembru 2026 jew jiddeċiedi li jipposponiha għal aktar tard.

(4) Bi tħejjija għall-MEPC/ES.2, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/2093[1]. Dik id-Deċiżjoni tiddikjara li jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-introduzzjoni tal-Kapitolu 5 il-ġdid tal-Anness VI tal-MARPOL dwar il-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti, kif jinsab fl-Anness tad-dokument MEPC/ES.2/2 tal-OMI. Din id-Deċiżjoni temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/2093 billi tagħti gwida għall-pożizzjoni li tittieħed f'isem l-Unjoni fl-MEPC 85, fi MEPC/ES.2, u fl-ISWG-GHG 23, bil-ħsieb tad-diskussjonijiet li għaddejjin li fihom jistgħu jkomplu jiġu żviluppati l-abbozzi ta' emendi qabel l-adozzjoni formali tagħhom.

(5) L-MEPC 84, li ltaqa' bejn is-27 ta' April u l-1 ta' Mejju 2026, kompla d-diskussjonijiet u n-negozjati dwar il-kontenut tal-abbozz ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq kif għandhom jiġu indirizzati t-tħassib u l-kwistjonijiet li fadal fir-rigward tal-abbozz ta' Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti u dwar "il-mod preferut li bih għandu jiġi żgurat li jsir progress konkret fl-indirizzar ta' dan it-tħassib, bil-ħsieb tal-adozzjoni tal-miżuri tal-OMI ta' nofs it-terminu mingħajr aktar dewmien".

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2093 tal-10 ta' Ottubru 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fit-tieni sessjoni straordinarja tiegħu dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) (ĠU L, 2025/2093, 16.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2093/oj).

(6) Bi tħejjija għall-MEPC 84, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2026/1067[2], li tiddikjara li l-pożizzjoni li tittieħed f'isem l-Unjoni fl-MEPC 84, ibbażata fuq għadd ta' prinċipji u orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha, kienet li tappoġġa l-kunsiderazzjoni ulterjuri u l-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw il-bini ta' kunsens u li jkunu konformi mal-objettivi stipulati fl-Istrateġija tal-OMI tal-2023 dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet Serra mill-Vapuri (l-Istrateġija GHG 2023 tal-OMI), filwaqt li jitqies ir-rwol kruċjali tat-tbaħħir internazzjonali fl-iżvilupp tal-kummerċ globali u tas-servizzi tat-trasport marittimu, appoġġati minn fjuwils disponibbli aċċessibbli biex jiġu evitati l-interruzzjonijiet.

(7) L-MEPC 84 qabel dwar it-termini ta' referenza għall-ISWG-GHG 23 u ta struzzjonijiet lill-grupp ta' ħidma, waqt li qies id-dokumenti ppreżentati lill-MEPC 84 u 85, is-sessjonijiet preċedenti tal-ISWG-GHG, kif ukoll id-dokumenti ppreżentati lill-ISWG-GHG 22 u 23, kif applikabbli, biex jikkunsidra l-proposti, inkluż dawk fid-dokumenti msemmija hawn fuq, dwar kif għandu jiġi indirizzat it-tħassib permezz tal-abbozz ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL dwar il-Qafas għal Emissjonijiet Żero Netti, f'konformità mal-Istrateġija GHG 2023 tal-OMI, u jirrapporta lill-MEPC 85.

(8) L-MEPC 85 huwa mistenni li jikkunsidra proposti mill-Partijiet tal-IMO dwar kif għandu jiġi indirizzat it-tħassib permezz tal-abbozz ta' emendi tal-Anness VI tal-MARPOL dwar il-Qafas għal Emissjonijiet Żero Netti, f'konformità mal-Istrateġija GHG 2023 tal-OMI, sabiex tintlaħaq konverġenza dwar miżura globali. Se jiġi segwit mill-MEPC/ES.2 li ser titkompla, soġġett għal konferma mill-MEPC 85.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1067 tas-27 ta' April 2026 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fl-84 sessjoni tiegħu (ĠU L, 2026/1067, 12.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1067/oj).

(9) S'issa hemm ħames settijiet ta' abbozzi ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL għall-kunsiderazzjoni mill-Partijiet tal-IMO fl-MEPC 85, jiġifieri l-emendi ċċirkulati mill-Awstralja, il-Kanada, l-Afrika t'Isfel u r-Renju Unit[3], mill-Brażil[4], mil-Liberja[5], minn Tuvalu[6], u l-emendi oriġinali għall-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti[7]. L-emendi ċċirkulati mill-Awstralja, il-Kanada, l-Afrika t'Isfel u r-Renju Unit jippreżentaw verżjoni aġġornata tal-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti, billi jaġġornaw id-dati ta' applikazzjoni sabiex jitqies id-dewmien ta' sena tal-MEPC/ES.2, inkluż bidliet editorjali u kjarifikatorji introdotti mis-Segretarjat tal-OMI fl-MEPC.ES.2/2, kif ukoll iżid għadd limitat ta' emendi kjarifikatorji oħra.

(10) Fl-istess ħin, għadd ta' proposti oħra qed jiġu kkunsidrati wkoll mill-MEPC li jinkludu abbozzi ta' emendi legali jew proposti sostantivi, anke jekk ma jkunux iċċirkolati uffiċjalment mis-Segretarju Ġenerali tal-OMI. Huwa antiċipat ukoll li jistgħu jitressqu proposti addizzjonali li jkun fihom abbozz ta' test legali jew le, għall-kunsiderazzjoni tal-MEPC.

---

3 L-Ittra Ċirkolari Nru 5216 tal-OMI tad-29 ta' Mejju 2026 u d-dokument MEPC 85/3/8 tal-OMI.

4 L-Ittra Ċirkolari Nru 5214 tal-OMI tat-28 ta' Mejju 2026 u d-dokument MEPC 85/3/6 tal-OMI.

5 L-Ittra Ċirkolari Nru 5213 tal-OMI tas-26 ta' Mejju 2026 u d-dokument MEPC 85/3/5 tal-OMI.

6 L-Ittra Ċirkolari Nru 5215 tal-OMI tad-29 ta' Mejju 2026 u d-dokument MEPC 85/3/7 tal-OMI.

7 L-Ittra Ċirkolari Nru 5005 tal-OMI tal-11 ta' April 2025 u d-dokument MEPC/ES.2/2 tal-OMI.

(11) B'antiċipazzjoni għad-diskussjonijiet bejn il-Partijiet tal-OMI, li waqthom jistgħu jkomplu jiżviluppaw l-abbozz tal-emendi għall-MARPOL qabel l-adozzjoni formali tagħha, din id-Deċiżjoni għandha l-għan li tagħti l-prinċipji gwida li l-Unjoni tqis meħtieġa li jiġu ssodisfati sabiex jappoġġaw l-emendi finali tal-Anness VI tal-MARPOL. Jenħtieġ li dawk il-prinċipji gwida jsawru l-pożizzjoni li tittieħed f'isem l-Unjoni fl-MEPC 85 u l-MEPC/ES.2, u kif ukoll fl-ISWG-GHG 23, sabiex jiġu ffaċilitati n-negozjati fl-OMI u, eventwalment, l-adozzjoni ta' test regolatorju.

(12) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt l-MEPC 85 u l-MEPC/ES.2, kif ukoll l-ISWG-GHG 23, sabiex l-Unjoni tkun tista' tipparteċipa b'mod deċiżiv u tinfluwenza d-diskussjonijiet li jsawru l-abbozz tal-emendi għall-Anness VI tal-MARPOL, li, jekk jiġu adottati, jipproduċu effetti legali għall-Istati Membri partijiet għall-MARPOL. Dawk l-emendi huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni u huma kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, f'isem l-Unjoni, jaġixxu f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, tal-Istrateġija GHG 2023 tal-OMI u mal-objettivi tal-Unjoni biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.

(14) Jenħtieġ li l-pożizzjoni li tittieħed f'isem l-Unjoni tkun li tappoġġa abbozzi ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL li jinkludu kemm miżura teknika kif ukoll waħda ekonomika. Jenħtieġ li l-pożizzjoni li tittieħed f'isem l-Unjoni tkun li tappoġġa l-approvazzjoni, l-adozzjoni jew qbil ieħor dwar test għall-miżuri ta' tnaqqis ta' gassijiet serra (GHG) ta' nofs it-terminu li jippermetti l-flessibbiltà għal vapuri biex jikkonformaw mal-miri tiegħu għat-tnaqqis tal-GHG, sakemm jiġi żgurat infurzar effettiv tal-opzjonijiet kollha ta' flessibbiltà b'mod li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti fost il-flotta dinjija, u li jwassal li l-flotta dinjija, bħala medja u fuq bażi well-to-wake, jkollha emissjonijiet ta' GHG netti sal-2050 jew madwar dik is-sena.

(15) Mill-posponiment tal-MEPC/ES.2 f'Ottubru 2025, in-negozjati mxew 'il quddiem u tressqu proposti ġodda, inkluż b'emendi legali, u dawn qed jiġu kkunsidrati mill-MEPC. Qabel l-ISWG-GHG 23 u l-MEPC 85 u t-tkomplija tal-MEPC/ES.2, sa issa l-ebda test legali jew proposta li tressqu ma jgawdi l-livell ta' appoġġ l-iktar wiesa' possibbli. Għalhekk, għaddejjin sforzi ulterjuri mill-Partijiet tal-IMO biex il-proposti mressqa jingħaqdu u tkompli l-konverġenza tagħhom. Jekk, minkejja l-progress miksub s'issa, in-negozjati waqt l-ISWG-GHG 23 u l-MEPC 85 jiġu f'impasse u titressaq mozzjoni għal votazzjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni li tittieħed f'isem l-Unjoni tkun li topponi l-mozzjoni għal votazzjoni. Fil-każ li l-mozzjoni għal votazzjoni tgħaddi u l-Partijiet għall-OMI jintalbu jivvutaw dwar il-Qafas għal Emissjonijiet Żero Netti, il-pożizzjoni li tittieħed f'isem l-Unjoni hija stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2093. U, għaldaqstant, jenħtieġ li l-istess pożizzjoni tapplika għall-emendi stabbiliti fl-MEPC 85/3/8.

(16) L-Unjoni la hija membru tal-OMI u lanqas parti kontraenti għall-MARPOL. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-ISWG-GHG 23, l-MEPC 85 u l-MEPC/ES.2.

(17) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jkun limitat għall-kontenut tad-diskussjonijiet u għal kwalunkwe emenda proposta fl-ISWG-GHG 23, l-MEPC 85 u l-MEPC/ES.2, sa fejn jistgħu jaffettwaw regoli komuni tal-Unjoni u huma kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma taffettwax id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fil-85 sessjoni tagħha (MEPC 85) u fit-tkomplija tat-tieni sessjoni straordinarja tal-MEPC (MEPC/ES.2), kif ukoll fil-laqgħa preċedenti, it-tlieta u għoxrin waħda, tal-Grupp ta' Ħidma Intersessjonali dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Vapuri (ISWG-GHG 23) hija stabbilita fl-Artikoli 2, 3 u 4, u fil-prinċipji ta' gwida stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Jekk l-MEPC 85 jew l-MEPC/ES.2 jikkunsidraw li japprovaw, jadottaw jew jaqblu dwar taħlita ta' abbozzi ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL dwar kwistjonijiet ta' gassijiet serra tal-OMI li jattiraw livell ta' appoġġ mill-Partijiet għall-Anness VI tal-MARPOL li jkun ogħla minn kwalunkwe abbozzi ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL iċċirkolati sa Ġunju 2026 imressqa mill-Awstralja, il-Kanada, l-Afrika t'Isfel u r-Renju Unit (id-dokument MEPC 83/3/8 tal-OMI), mill-Brażil (id-dokument MEPC 83/3/6 tal-OMI), mil-Liberja (id-dokument MEPC 83/3/5 tal-OMI), minn Tuvalu (id-dokument MEPC 83/3/7 tal-OMI), u l-emendi oriġinali ta' Ottubru 2025 dwar il-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti u li jissodisfaw il-prinċipji ta' gwida stabbiliti fl-Anness, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li tappoġġa l-approvazzjoni, l-adozzjoni jew il-qbil ta' dawk l-emendi.

Artikolu 3

1. Jekk l-MEPC 85 jew l-MEPC/ES.2 jikkunsidraw li japprovaw, jadottaw jew jaqblu dwar test, inkluż emendi legali, li ma jissodisfax il-prinċipji gwida stabbiliti fl-Anness, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li ma jiġix appoġġat tali test u minflok tipproponi li d-diskussjoni tiġi posposta.

2. Jekk l-MEPC 85 jew l-MEPC/ES.2 jikkunsidraw li japprovaw, jadottaw jew jaqblu dwar test relatat mat-tfassil tal-element tekniku tal-miżuri ta' nofs it-terminu għat-tnaqqis ta' gassijiet serra (GHG), mingħajr ma jinkorpora test relatat mat-tfassil tal-element ekonomiku flimkien mal-element tekniku, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li ma jiġix appoġġat tali test u minflok tipproponi li d-diskussjoni tiġi posposta.

Artikolu 4

1. Jekk l-MEPC 85 jew l-MEPC/ES.2 jikkunsidraw li ssir votazzjoni dwar wieħed mill-abbozzi ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL li ġew iċċirkolati sa Ġunju 2026 imressqa mill-Awstralja, il-Kanada, l-Afrika t'Isfel u r-Renju Unit (id-dokument MEPC 85/3/8 tal-OMI), mill-Brażil (id-dokument MEPC 85/3/6 tal-OMI), mil-Liberja (id-dokument MEPC 85/3/5 tal-OMI), minn Tuvalu (id-dokument MEPC 85/3/7 tal-OMI), jew dwar l-emendi oriġinali ta’ Ottubru 2025 dwar il-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti , il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li topponi l-mozzjoni għal votazzjoni u minflok tipproponi li jsiru diskussjonijiet kostruttivi.

2. Bl-għarfien li l-emendi għall-MARPOL iċċirkolati msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2093 (il-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti) u l-emendi għall-MARPOL iċċirkolati li jinsabu fl-MEPC 85/3/8 u l-Ittra Ċirkolari Nru 5216 tal-OMI tad-29 ta' Mejju 2026 ma jgawdux appoġġ wiesa' biżżejjed, l-Unjoni għandha topponi l-mozzjoni li ssir votazzjoni dwarhom, ħlief jekk il-pożizzjonijiet tal-Partijiet għall-Anness VI tal-MARPOL jiżviluppaw b'tali mod li dawk l-emendi jattiraw livell ta' appoġġ ogħla mill-Partijiet għall-Anness VI tal-MARPOL.

Jekk dik il-mozzjoni tgħaddi, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni:

(a) fir-rigward tal-Qafas tal-OMI għal Emissjonijiet Żero Netti għandha tkun kif stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2093;

(b) fir-rigward tal-emendi tal-MARPOL li jinsabu fl-MEPC 85/3/8 għandha tkun li tappoġġahom.

Artikolu 5

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni stabbilita fl-Artikoli 2, 3 u 4 u fil-prinċipji ta' gwida għall-Anness għandha tiġi espressa mill-Istati Membri, li huma kollha membri tal-OMI, kif ukoll jiggwidaw id-diskussjonijiet intersessjonali tal-Unjoni ta' qabel l-MEPC 85, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Bidliet żgħar għal dik il-pożizzjoni jistgħu jiġu maqbula mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill

Il-President